



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

13.12.2010

0094/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prevenzjoni ta' effetti negattivi tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2008/6/KE li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestitja kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji

**Cornelis de Jong, Georges Bach, Isabelle Durant, Saïd El Khadraoui,
Marian Harkin**

Data ta' skadenza: 24.3.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-prevenzjoni ta' effetti negattivi tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2008/6/KE li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji

Il-Parlament Ewropew,

- A. billi d-Direttiva 2008/6/KE teħtieġ li l-ftuħ tas-suq postali jsir sal-1 ta' Jannar 2011,
1. Jitlob li l-Kummissjoni teżamina immedjatament l-effetti tal-liberalizzazzjoni tas-servizzi postali fuq il-kwalità tas-servizz u l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dawk l-Istati Membri li diġà introduċew liberalizzazzjoni sħiħa;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevita milli tniedi xi proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jimplimentawx immedjatament id-Direttiva 2008/6/KE wara l-31 ta' Diċembru 2010, sakemm l-effetti tal-liberalizzazzjoni tas-servizzi postali dwar il-kwalità tas-servizz u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jkunux kompletament ivvalutati;
 3. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jipproteġu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jevitaw id-dumping soċjali u jipprevedu servizz universali affidabbi filwaqt li tiġi implementata d-Direttiva 2008/6/KE, u biex jiġi żgurat li l-impieg diċċenti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jiġu applikati mill-operaturi kollha;
 4. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżvela u tivvaluta l-informazzjoni li l-Istati Membri pprovdex lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rispettivi tagħhom skont id-Direttiva 2008/6/KE dwar il-kalkolu tal-ispiża net tal-obbligu tas-servizz universali u l-mekkaniżmi tal-finanzjament tagħhom, u biex il-Parlament jiġi infurmat dwar dan;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.